MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 19/2004/1

**Tal-Francis Construction Limited**
**u Modern Design Limited**

**vs**

**Angelo Zarb**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Marzu, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjetajiet atturi talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat li, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut naqas illi jwettaq l-appalt mogħti lilu mis-soċjetajiet attriċi, konsistenti f'manifattura u

stallazzjoni ta' bibien fi proprjeta' fi Triq Sant'Agata, Sliema, skond l-arti u s-sengħa;

Illi inoltre dan l-istess appalt ma twettaqx skond il-kwalita' u standards pattwiti bejniethom, u x-xogħol konsenjat fih ħafna difetti illi jirrenduh inaċċettabbli għall-atturi;

Illi huwa jħallas is-somma ta' elf ħames mija u sebgħin lira maltina (Lm 1,570) għal dan l-istess xogħol;

Illi per konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet, is-soċjetajiet attriċi qegħdin isofru danni kif sejjer jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, għal liema danni inti tinsab responsabbli.
Talbu ghal hekk jghidu għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:

1. Tiddikjara illi x-xogħol esegwit minnek huwa difettuż, mhux skond l-arti u s-sengħa mhux tal-kwalita' pattwita;

2. Konsegwentement tiddikjara illi dan ix-xogħol għandu jiġi rimoss a spejjeż u a riskju tiegħek;

3. Tikkundannak taqla' dan ix-xogħol fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilek prefiss, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi illi jaqilgħu dan ix-xogħol huma a spejjeż tiegħek;

4. Tiddikjarak responsabbli għad-danni kollha sofferti mis-soċjetajiet attriċi;

5. Tillikwida dawn id-danni;

6. Tikkundannak tħallas lill-atturi dawn id-danni kif likwidati. Kif ukoll illi tirrifondi l-ammont imħallas lilek mill-atturi bħala korrispettiv għall-appalt afdat lilek.

Flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment ma' dan l-avviż u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti nġunt.

Rat innota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

1. Illi dina ċ-ċitazzjoni hija kontradittorja u huwa ovvju li l-atturi ma jafux xi jridu stante li l-ewwel qegħdin jippretendu li l-konvenut "inqast illi twettaq l-appalt mogħti lilek" u imbagħad li l-appalt "ma twettaqx skond l-arti u s-sengħa skond il-kwalita' u standards pattwiti", komplew biex ħlew l-ewwel tlett talbiet jitolbu l-Qorti tiddikjara li x-xogħol esegwit huwa difettuż u mhux skond l-arti u s-sengħa, u għalhekk għandu jiġi rimoss. Japplika hawn hekk il-prinċipju "electa una via, non est datur recursus ad alteram".

2. Illi huwa ovvju kemm jinsabu f'kontradizzjoni l-atturi stante li l-eċċipjenti wettaq ix-xogħol a soddisfazzjon tagħhom tant li dawn wara li twettaq ix-xogħol u l-eċċipjenti ippreżenta l-kont huma kienu pronti jħallsuh wara li kellhom iż-żmien kollu illi jispezzjonawh. Il-ħlas tal-atturi huwa konferma tal-esekuzzjoni tajba w aċċettabbli ta' dak li kellu jagħmel il-konvenut. Mhux spjegabbli kif l-ewwel iħallsu w issa l-atturi jridu li x-xogħol esegwit jitneħħa.

3. Illi anke kieku għal grazzja tal-argument għandhom xi raġuni l-atturi f'dak li qegħdin jgħidu, allura l-azzjoni li misshom intentaw riedet tkun dik għax-xoljiment tal-appalt fejn il-konvenut jieħu lura x-xogħol esegwit ħażin u jiġi rifuż lilhom il-prezz imħallas. Għalhekk l-atturi qegħdin jesperixxu azzjoni b'oħra u fi kwalunkwe każ, ma hemmx talba waħda fejn il-Qorti qegħda tiġi mitluba tordna x-xoljiement tal-appalt mal-farraġni ta' talbiet li għamlu.

4. Illi t-talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni hi għalhekk infondata, għaliex f'każ ta' xoljiment ta' appalt il-ħsara li jbati l-appaltatur huwa l-prezz li jkun ħallas tal-materjal u xogħol fornut u xejn aktar. Hawn non si tratta minn xogħol ħażin li jirrikjedi xogħol ieħor u spejjeż oħrajn sabiex jiġi korrett.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt, inkluż id-dritt ta' azzjoni da parti tal-konvenut għal kumpens ta' xogħol żejjed li ġie mġiegħel jagħmel mill-atturi u li tiegħu baqa' ma tħallasx.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2004 fejn ġie nominat Charles Sultana bħala espert tekniku f'din il-kawża.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku ppreżentata fil-5 ta' Mejju 2006 u minnu maħlufa fl-20 ta' Diċembru 2006.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjetajiet atturi qed jitolbu, wara li jiġi dikjarat illi bibien li huma kienu ordnaw mingħand il-konvenut kienu difettużi, mhux tal-kwalita' pattwita u ma sarux skond is-sengħa u l-arti, l-konvenut jiġi ordnat ineħħihom minn fejn ġew nstallati. Konsegwentement talbu wkoll li jiġu likwidati d-danni kkaġunati lilhom minħabba dan ix-xogħol ħażin u li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas dawn id-danni.

Irriżulta illi s-soċjetajiet atturi kienu taw appalt lill-attur biex jaħdmilhom u jinstalla diversi bibien għal appartament li kellhom f'tas-Sliema. Meta tlesta dan ix-xogħol dawn kienu pronti ħallsu l-ammont dovut. Ġara pero' illi wara xi żmien bdew jiskopru diversi difetti fl-istess bibien u għalhekk ipproċedew b'din il-kawża. L-espert tekniku nominat minn din il-Qorti biex jirrelata dwar dan ix-xogħol, ikkonkluda illi dawn il-bibien tassew ma kienux saru skond l-arti u s-sengħa għal diversi raġunijiet li huwa jsemmi fir-relazzjoni tiegħu,[1] u jkompli jispjega fl-eskussjoni tiegħu li saritlu mill-konvenut.[2]

L-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili tagħna li jirregola l-bejgħ ta' oġġett mhux skond il-kwalita' miftehma jew bħall-kampjun jistabilixxi illi:

"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħzel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."

Kif ġie stabilit mill-qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 kjarament u tassativament jiddeponi illi 'jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel: (1) jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni; (2) jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit'. Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta d-dritt li qed jippretendu l-appellanti li l-venditur iżomm l-oġġetti li ma jkunux skond il-kwalita' miftehma jew bħall-kampjun u jesiġi li dan jiġi b'xi mod irranġat, in parte mibdul jew sostitwit. Din hi dispożizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-kompratur kontra l-pretensjoni tal-venditur li, una volta jkun*

[1] Ara relazzjoni peritali a fol. 15 - 18 tal-process .
[2] ara depożizzjoni ta' l-istess espert a fol. 27 - 42 .

*ikkonsenja oġġett mhux tal-kwalita' miftehma jew mhux bħall-kampjun, jippretendi li l-kompratur kellu jżomm dak l-oġġett ikkonsenjat waqt li hu jipprova jirranġah jew jimmodifikah biex iġibu jaqbel mal-kampjun jew mal-kwalita' miftehma. Il-kompratur kellu d-dritt li jagħżel li jirrifjuta l-oġġett jew li jżommu bi prezz anqas. Din hi l-għażla miftuha lill-kompratur li l-appellanti, għar-raġunijiet tagħhom, ma għamlux*." [3]

Jidher illi d-diretturi tas-soċjetajiet atturi għall-ewwel kienu sodisfatti bix-xogħol tal-konvenut u nfatti kienu pronti jħallsuh dak li talabhom. Kien biss wara ċertu żmien li ndunaw bid-difetti f'dan ix-xogħol, li issa ġew anke konfermati mill-espert tekniku nkarigat minn din il-Qorti. Madankolu, kif tajjeb jikkontendi l-konvenut fit-tielet eċċezzjoni tiegħu,  s-soċjetajiet atturi messhom qabel xejn talbu x-xoljiment tan-negozju li kien sar bejn il-kontendenti, biex imbagħad ikunu intitolati jitolbu wkoll ir-rifużjoni tal-flus li kienu ħallsu u li l-konvenut jieħu lura l-bibien li kien għamlilhom. Talba f'dan is-sens pero' s-soċjetajiet atturi baqgħu qatt ma għamlu.

Jiġi għalhekk illi ġialadarba s-soċjetajiet atturi naqsu milli jagħmlu talba simili, din il-Qorti ma tistax tipproċedi biex tilqa' t-talbiet l-oħra anke jekk rriżulta li tassew dawn il-bibien ma sarux skond is-sengħa u l-arti. Fil-fehma tagħha hawnhekk ukoll għandom japplikaw l-istess regoli hawn fuq ċitati fejn xerrej li jirrifjuta li jagħmel il-ħlas għall-oġġetti mixtrija, minħabba li dawn ma kienux tal-kwalita' pattwita, irid jagħmel il-kawża għax-xoljiment tal-bejgħ biex ikun jista' jrodd lura l-oġġetti mibjugħa u jfittex ukoll għad-danni. Terġa' fil-każ in eżami qatt ma tressqu ebda provi dwar id-danni allegati, u għalhekk anke għal din ir-raġuni t-talbiet fir-rigward ta' dawn id-danni għandhom jiġu miċħuda.

---

[3] Joseph Cassar Aveta noe. vs Jospeh Gatt et.: Appell Superjuri : 4.12.1998 kollez vol. LXXXII pt. II. pag. 1281 .

> Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet u raba' eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet atturi."

Fil-kontestazzjoni taghha ta' din is-sentenza s-socjeta` attrici tressaq is-segwenti aggravji b'konsiderazzjoni ghat-talba tar-revoka minnha sottomessa:-

(1) L-ewwel Qorti kienet kompletament zbaljata meta, nonostante li ddeterminat li l-kuntratt konkjuz bejn il-partijiet kien wiehed ta' appalt, ghaddiet biex tapplika ghalih id-disposizzjonijiet taht l-istitut tal-bejgh;

(2) Il-formalizmu ristrett li l-ewwel Qorti esigiet fil-formulazzjoni ta' l-att promotur hu ghal kollox barra minn loku fi proceduri quddiem Qorti Inferjuri;

Fir-risposta tieghu l-konvenut jinsisti illi s-socjeta` attrici kien messha talbet ix-xoljiment ta' l-appalt biex tkun tista' tippretendi r-radd lura tal-flus li hallset. Huwa jikkontendi wkoll illi t-talba attrici bazata fuq id-dikjarazzjoni li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u mhux ta' kwalita` pattwita, akkoppjat mar-rimozzjoni ta' l-istess xoghol, ghandha aktar minn natura ta' azzjoni relattiva ghall-vendita;

Dikjaratament, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti titlaq mill-premessa illi s-socjeta` attrici appaltat xoghlijiet ta' manifattura u installazzjoni ta' bibien ghall-appartament taghha f'tas-Sliema. Maghmula din l-affermazzjoni ghaddiet biex tapplika ghal kaz (u mhux semplicement "per analogija", kif hekk kontez mill-appellat) id-dispost ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili inerenti ghar-regolamentazzjoni tal-bejgh ta' oggett mhux skond il-kwalita miftehma jew il-kampjun. In konsegwenza ta' dan ir-ragonament taghha dik il-Qorti ghaddiet biex takkolji t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut;

Jinghad mill-ewwel illi din il-Qorti ma taqbel xejn mal-mod kif il-Qorti ta' l-ewwel grad irragunat fuq il-vertenza li kellha quddiemha. Dan ghar-raguni ovvja illi una volta stabbilit minnha illi l-partijiet kienu appattwew kuntratt ta' appalt ma kellhiex imbaghad tiddetermina l-kontroversja billi tiddevja, anke kieku stess "per analogija", ghad-disposizzjoni rilevanti taht l-istitut tal-bejgh. Jekk riedet taghmel id-distinzjoni bejn iz-zewg istituti kien jinhass aktar opportun li tirrikorri ghal dik li kienet l-intenzjoni vera tal-partijiet meta kkonkludew il-ftehim, u l-aktar biex testraji minnha jekk dak intiz kienx effettivament u principalment konsistenti minn obbligazzjoni *di fare*, karatteristika ta' l-appalt jew tal-*locatio operis*, jew, invece, minn obbligazzjoni *di dare*, tipika tal-kompravendita. In meritu l-Qorti kellha certament bhala kriterju gwida l-assistenza li joffru, fost ohrajn, id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Neg. George E. Camilleri -vs- Joseph Mamo**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu, 1951 u "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech *et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' April, 1988;

Ricerka ulterjuri fid-duttrina (ara **Rubino-Iudica**, "**Dell'appalto**", p 44) u l-gurisprudenza estera (ara decizjonijiet tal-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** tal-21 ta' Mejju, 2001, Nru. 6925; 21 ta' Gunju, 2000, Nru. 8554 u 17 ta' Dicembru, 1999, Nru. 14209) kienu wkoll jikkonfermawlha illi "*la distinzione tra vendita ed appalto nel caso in cui la prestazione di una parte consista sia in un dare sia in un facere, non si esaurisce nel dato meramente oggettivo del raffronto fra il valore della materia e il valore della prestazione d'opera, ma è necessario avere riguardo alla volontà dei contraenti, per cui si ha appalto quando la prestazione costituisce un mezzo per la produzione dell'opera e il lavore è lo scopo essenziale del negozio in modo che la modifiche da apportare alla cosa … sono tali da dare luogo ad 'opus perfectum' inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione*";

Fil-kaz in ezami l-volonta tal-kontraenti hi sufficjentement cara in kwantu ma jezisti ebda dizakkordju illi l-kontrattazzjoni ta' bejniethom ma kienetx dik inerenti ghall-appalt. Una volta dan qed jigi hekk stabbilit – del resto, l-istess l-ewwel Qorti dan ma teskludihx – jokkorri jigi issa ezaminat jekk il-mod kif koncepiti l-premessi u l-oggett tat-talba bl-att promotur jikkorrispondux ghall-elementi ta' l-appalt jew, ghall-kuntrarju, ghandhomx aktar korrispondenza man-natura tal-bejgh;

L-att ta' l-Avviz ghandu principalment bhala *petitum* l-eliminazzjoni tax-xoghlijiet difettuzi u r-rizarciment tad-danni. Il-*causa petendi* tieghu hi, imbaghad, arginata fuq il-premessi illi x-xoghlijiet appaltati ma sarux skond l-arti u s-sengha ghal dik li hi l-kwalita u l-i*standards* akkordati u li d-difetti riskontrati kienu jirrendu l-appalt ezegwit bhala inaccettabbli;

Minn skrutinju tal-gurisprudenza prevalenti ghandu kjarament jirrizulta, b'deduzzjoni, illi n-*nexus* li taghmel is-socjeta` attrici mal-kwalita tax-xoghlijiet ezegwiti hu wiehed attinenti ghall-appalt:-

(1) "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua e deve prestare almeno una capacità* ordinaria." ("**Carmelo Scicluna -vs- Giuseppe Mallia *et***", Appell Civili, 31 ta' Mejju, 1929);

(2) Hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha ("**Joseph Zarb -vs- Carmelo Agius**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Frar, 1957) u li jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol in kwantu din il-garanzija hi implicita ("**Sancio De Carlo *proprio et nomine* -vs- Emmanuele Cumbo *et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1956);

(3) Issokta jigi precizat f'din l-ahhar sentenza illi jekk ix-xoghol jirrizulta inutili u l-artefici kien jaf ukoll li x-xoghol kien kontra s-sengha, ma kienx imissu ghamel dak

ix-xoghol. “Kien ikun ahjar ghalih li f’kaz bhal dan ma jaghmelx ix-xoghol ghax inkella jkollu jirrispondi ghad-difetti li jigu ‘l quddiem” (“**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia *et nomine***”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu, 1972);

(4) Jekk, ciononostante, l-appaltatur jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina (“**George Cutajar -vs- Edward Vincenti Kind *proprio et nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 15 ta’ Mejju, 1953). F’qaghda bhal din lanqas ma hu mehlus mir-responsabilita` avolja jkun sar il-hlas ta’ l-appalt. Dan ghaliex il-verifika u l-approvazzjoni tax-xoghol issir ghal finijiet tal-hlas lill-appaltatur, izda b’daqshekk dan mhux ezonerat jekk ‘il quddiem jigu riskontrati difetti u mankanzi dovuti ghal xoghol hazin;

Dan premess, huwa sew maghruf illi fejn kommittent ihossu insodisfatt bix-xoghlijiet ezegwiti, huma diversi x-xelti gudizzjali li l-ligi takkordalu ghat-tutela tad-drittijiet tieghu. Ad ezempju, ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt ta’ ftehim jew l-eliminazzjoni tad-difetti jew ukoll ta’ dawn flimkien purke subordinata wahda ghall-ohra. In aggunta ghal dawn, jew anke minghajrhom, ir-rimedju tar-rizarciment tad-danni. Tali jinkwadra ruhu fl-ambitu ta’ dik ir-responsabilita` kontrattwali minhabba inadempiment konkretizzata f’difettti fix-xoghol. Dan hu sew indott mill-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili li “jistabilixxi l-principji generali applikabbli ghal kull xorta ta’ obbligazzjonijiet, u jaghti azzjoni ghad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa’ fuq spallejh” (“**Raffaele Mallia -vs- Francesco Portanier *et***”, Appell Civili, 27 ta’ April, 1936). Ma jistax ma jissemmiex ukoll illi l-kommittenti ghandu, ghal kaz fejn id-difetti ma jkunux sostanzjali, id-dritt ta’ azzjoni biex jobbliga lill-appaltatur li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz. Ara “**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 9 ta’ April, 1968 u “**John Bonnici *proprio et nomine* -vs- Anthony Sammut**”, Appell Kummercjali, 22 ta’ Gunju, 1994;

Manifestament, kemm minn dak premess kif ukoll minn dawk li huma mahsuba bit-talbiet sottomessi, principalment is-socjeta` attirici appellanti qeghda tikkonsegwixxi d-danni minnha allegatament sofferti b'rizultat ta' dik id-dikjarazzjoni espressa taghha illi l-appalt ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha. Apparti dak li jinghad fl-Artikolu 171 (1) tal-Kapitolu 12 ghall-mod kif ghandu jkun konfezzjonat l-Avviz fil-Qrati Inferjuri, ma jistax jinghad li l-att kif intavolat mis-socjeta` appellanti hu monk, in kwantu dak invokat jirrientra fid-disponibilita` u x-xelta tar-rimedji akkonsentiti. Hu anzi konnaturali mit-talbiet illi l-iskop determinanti prosegwit mis-socjeta` appellanti hu dak tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr, almenu *per equivalent*, tas-sitwazzjoni antecendenti. Dan ir-ragonament jinduci lil din il-Qorti biex tiddiskosta ruhha ghal kollox mill-espressjoni ta' fehma stabbilita mill-ewwel Qorti;

Il-Qorti qaghdet attenta li ma tinoltrax ruhha fil-mertu u s-sostanza tal-kontroversja ghax din hi materja li, qabel xejn, trid tigi esplorata mill-ewwel Qorti fl-ambitu tal-provi u dik tal-perizja teknika. Hu l-kaz, allura, li l-atti jigu rimandati lura lill-ewwel Qorti ghal dan l-iskop u decizjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi ugwalment spartiti bejn il-partijiet. L-atti qed jigu rinvjati lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni tal-mertu u ta' l-eccezzjonijiet l-ohra ghalih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------